MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 74/2004/1

Raymond u Antonia sive' Tania konjugi Parascandolo

Vs

Carmela armla ta' Carmelo Vento u wlieda Victor, Lorenza mart Emanuel Peresso u Frances mart Saviour Mangion ahwa Vento

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Raymond u Antonia sive' Tania konjugi Parascandolo fejn jesponu bir- rispett:-

Illi l- esponenti gew notifikati b' ittra ufficjali prezentata fid- 9 ta' Lulju 2004, f' liema ittra ufficjali l- intimati qed jgharrfu lill- esponenti illi b' effett mill- iskadenza li jmiss u cioe' b' effett mill- 1 ta' Jannar 2005, l- intimati jridu jghollu l- kera tal- fond bin- numru sitta u sittin (66) fi Triq Hilda Tabone,

Birgu mikri lill- esponenti, ghal mitt Lira Maltin (Lm 100) fis- sena u dan taht il- kundizzjonijiet vigenti;

Illi l- esponenti qed jopponu ruhhom ghall- awment mitlub stante illi l- kera vigenti ta' hamsin Lira maltin (Lm 50) fis-sena ghall- fond in kwistjoni hija gusta u timmerita konferma ai termini ta' Kap. 69 tal- Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l- esponenti jitolbu illi dan il- Bord jghogbu jikkonferma illi l- kera vigenti tal- fond fuq imsemmi hija gusta u timmerita konferma.

Ra li l- intimati opponew it- talba.

Ra d- digreit tieghu tad- 9 ta' Dicembru 2004 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras li kienu ukoll mahtura periti fir- rikors 75/2004 fl- ismijiet bil- maqlub.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmija periti li minnha jirrizulta li l- kera attwali ta' Lm 50 fis- sena diga teccedi l- erbghin fil-mija (40%) fuq il- kera xieraq li bih l- istess fond kien mikri jew seta kien mikri fl- 4 ta' Awissu 1914 a tenur ta' l-artikolu 4 (b) tal- Kap 69. (qabel artikolu 5 (b) tal- Kap. 109)

Jaghmel tieghu r- relazzjoni tal- periti li ghanda tghamel parti minn din is- sentenza u billi l- kera attwali diga tizboq l- kera li bih kien mikri jew seta kien mikri l- fond fl- 4 ta' Awissu 1914 jilqa' t- talba tar- rikorrenti, bl- isepjjez kontra l- intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------